MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2002

Numru 816/2002

**Il-Pulizija**
**(Spetturi A. Cassar u Neville Xuereb)**

**vs**

**Tawfeg Abobaker M Mokhtar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Tawfeg Abobaker M Mokhtar ta' 22 sena iben Abobaker u Fatima Ali, imwieled Gharian, il-Libja u residenti "Il-Bejt Taghna", 41m Triq il-Qalb Imqaddsa, Zabbar detentur ta' passaport Libjan numru 328848, akkuzat talli:

1. fil-playing field ta' Haz Zabbar sitwat fi Triq l-Iskola, Haz Zabbar, nhar is-Sibt 21 ta' Settembru 2002 ghal

habta ta’ xi s-siegha u nofs ta’ filghodu, kellu fil-pussess tieghu arma li taqta u bil-ponta (sikkina tal-kcina);

2. li matul dawn l-ahhar xhur minghajr ma nghata permess ta’ residenza nizel l-art jew kien Malta minghajr permess mill-Ufficjal Principali tal-Imigrazzjoni.

Il-Qorti mitluba sabiex minbarra li taghti l-pieni stabbiliti mill-ligi tiddikjara lill-imsemmi Tawfeg Abobaker M Mokhtar bhala immigrant ipprojbit u tohrog ordni tat-tnehhija kontra tieghu skond l-Artikolu 14 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat hu akkuzat fl-ewwel lok li kien qieghed igorr sikkina kontra d-dispositiv tal-Artikolu 13 tal-Kap 66. Dan l-Artikolu jghid inter alia li “kull min ikollu f’idejh jew fuqu sikkina, ta’ kull xorta li tkun, b’xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Pulizija, jehel meta jinstab hati, multa ta’ mhux izjed minn hamsin lira jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux izjed minn tlett xhur”.

Mix-xhieda prodotta jirrizulta wisq car li fil-gurnata, hin u lok imsemmija fl-akkuza l-imputat kien fil-pussess ta’ sikkina (esebita in atti) liema sikkina ghandha xafra twila u bil-ponta. Jirrizulta wkoll li l-imputat ma kellu ebda licenzja ta’ kwalsiasi tip, sabiex igorr u jkollu fuq il-persuna tieghu din is-sikkina. Mhux hekk biss pero billi mix-xhieda tirrisulta l-intenzjoni malizjuza tal-imputat ghal fatt tas-sikkina li nstabet fuq persuntu. Il-Qorti qed tiehu ic-cirkostanzi in konsiderazzjoni fil-piena.

Fit-tieni lok hu akkuzat li kien f’Malta minghajr permess mill-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni skond l-Artikolu 5(1) tal-Kap 127. Anke din l-akkuza tirrizulta abondantement pruvata senjatament mill-passaport tal-imputat li jinsab wkoll esebit u li juri timbru wiehed fejn l-

imputat gie ammess ghall-perjodu ta' hmistax-il gurnata li skadew zmien ilu u li  fil-present jinsab Malta illegalment stante li ma jirrizulta ebda timbru ta' dhul.

Ghalhekk u ghar-ragunijiet fuq premessi rat l-Artikolu 13 tal-Kap 66 u l-Artikolu 5(1) u 23 tal-Kap 217 u tikkundannah ghal piena kumplessiva ta' prigunerija zmien xahar millum liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-imputat gia ghamel taht arrest preventiv.  Inoltre u wara li rat l-Artikolu 14 tal-Kap 217 tiddikjarah immigrant ipprojbit u tordna t-tkeccija tieghu minn dawn il-Gzejjer appena jkun skonta l-perjodu ta' prigunerija hawnhekk inflitta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------